Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2014

Numru. 63/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**JAN MIFSUD**

**(ID nru. 160887M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JAN MIFSUD,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 160887(M) gie akkuzat talli fit-13 ta' Frar, 2012 gewwa Wied Hal Balzan, Hal Balzan ghal habta tas-sitta u nofs neqsin hamsa (18:25hrs):

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art u/jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna griehi ta' natura gravi li ggib il-konsegwenzi msemmija fl-artiklu 218 u dan skont l-Artiklu 266 (1) (a) fuq il-presuna ta' Anthony Mallia ta' 74 sena minn Hal Balzan, illum residenti Casa Serena, Black Tail Street, San Pawl il-Bahar;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza saq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, izda ma tkunx mehtiega ebda licenzja dwar bicycle;

3. U talli fl-istess data, hin, lok saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBS 467 tat-tip Peugueot 306, b'manjiera perikoluza u traskurata;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 16 ta' Jannar 2014 sabiex din il-kawza tinstema b'mod sommarju u rat illi l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-26 ta' Frar 2014 (fol. 11) ai termini tal-artikolu 370(4) u 292 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-inkjesta esebita fl-atti a fol 13 et seq u rat li nhar is-26 ta' Frar 2014 din il-Qorti diversament preseduta kkonfermat l-esperti nominati fl-inkjesta.

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita.

**Charlene Mifsud** xehdet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 2014 fejn iddikjarat li fit-13 ta' Frar 2012, kienet riekba mal-imputat liebsa s-seat belt, miexja fit-triq direzzjoni l'isfel minn Hal Bazan ghal Birkirkara fit-traffic. Tghid li dakinhar kien hemm hafna traffiku u kien hemm hafna maltemp u kienet ix-xita. Kienu niezlin bil-mod meta' f'daqqa u l-hin semghu bum. L-imputat nizel mill-karozza u sab anzjan waqt li hija baghqat fil-karozza.

Sakemm cempel lill-pulizija dan ix-xih qam u telaq jimxi, ghalkemm kif ghamel ftit passi waqa' u habat rasu mal-art. Imbaghad waslet l-ambulanza, u appena waslu l-medici li kienu fl-ambulanza qalulu *"mela int ergajt"* u ghabbewh fl-ambulanza u telqu bih.  Tikkonferma li l-anzjan kellu riha ta' xorb kbira u kien bil-hwejjeg imqattghin. Imbaghad baqghu hemmhekk sakemm giet l-Ispettura. Fil-karozza kienu tlieta, hi, l-imputat Jan Mifsud u huh Miguel izda hadd minnhom ma' wegga.

Spjegat li kienu gejjien mill-Mosta, sejrin mar-roundabout ta' Gallarija Darmanin ma tafx ezatt it-triq x'kien jisimha, izda kienu sejrin lejn Hal

Balzan. Din mhix l-ewwel darba li ghaddew minn din it-triq, dejjem ghaddew minn hemmhekk biex jiffrankaw it-traffiku.

Il-hin ta’ l-incident ma tiftakrux ezatt ezatt pero’ tghid li forsi kienu s-sitta u nofs ta’ filghaxija. Kienu sejrin ghand ommha li toqghod Fleur- De- Lys, imbaghad kellhom jibqghu sejrin id-dar ta’ Jan.

L-incident sehh ezatt fejn hemm ic-central strip, ezatt fil-bidu jigifieri u dak il-hin kien hemm traffiku kbir. It-traffiku kien qieghed fuq iz-zewg karregjati u dan hi tafu ghaliex kif harget mill-karozza setghet tara t-traffiku fuq in-naha l-ohra wkoll.

Hi u Jan ma kienux qed jiggieldu dak il-hin, hu Jan, Miguel kellu tnax il-sena meta sehh l-incident u kien bil-qeghda fuq wara u liebes is-seatbeat. Hi ssuq ukoll, pero’ tiftakar li Jan kien qieghed isuq bil-mod hafna, u dan ghaliex kien hemm it-traffiku u ma setghax jaghmel mod iehor. Izda ma tiftakarx b’liema *gear* kien qieghed isuq.

Ma tistax tghid min fejn gie ix-xih ghaliex fl-ebda hin ma ratu, kull ma semghet kien bum u daqshekk. Dak il-hin ta’ l-incident Jan kien qieghed isuq vera bil-mod jew xejn.

Pero’ tghid li stante li kienet bil-qieghda quddiem tista’ tikkonferma li minn quddiemhom zgur m’ghaddiex u li Jan zgur ma laqtux b’quddiem. Il-

karozza ta’ Jan ma habtitx la mal-karozza ta’ quddiemu u lanqas mal-karozza ta’ warajh.

Appena qam l-anzjan minn ma l-art Jan staqsih fejn kien sejjer u qallu biex joqghod hemmhekk u dan qallu speci biex ihallih u baqa’ miexi ‘l hemm. Imbaghad Jan mill-ewwel qabad icempel lill-pulizija u l-anzjan waqa’ mal-art ftit ‘il boghod minnhom u cioe’ xi tletin pass jew ghoxrin pass ‘il boghod minnhom u stabat mal-art u habat rasu ma l-art.

Jan cempel lill-pulizija u anke lill-ambulanza. Ix-xhud rat lill-anzjan jaqa’ ma l-at meta kien ‘il boghod minnhom. Izda x’hin waqa’ din id-darba ma qamx minn mal-art. Dak il-hin kien hemm ragel tal-hanut taz-zebgha fil-vicin li ma tiftakarx x’jismu u beda jghidilhom li dan dejjem hekk, dan dejjem hekk b’referenza ghal dan l-anzjan. Beda jghidilhom li ma jridx jitghallem. Qallhom li dan dejjem hekk u dan il-kliem semaghtu b’widnejha stess.

X’hin waslu ta’ l-ambulanza qallulu “*il-allu int Baziez ergajt ma titghallem qatt*” u telghawh fuq lis-strecher. Dak il-hin bdew ikelmu lill-anzjan.

**L-ispettur Carol Fabri** xehdet fit-tlettax (13) ta’ Frar, 2012 u ddikjarat li kienet stazzjonata l-Ghassa tal-pulizija ta’ Birkirkara fejn dakinhar kienet tal-ghassa jigifieri dak kollu li kien jinqala’ kien jigi rrapportat lilha u tinvestigah hi. Ghal habta tas-sitta u nofs neqsin hamsa ta’ filghaxija giet infrumata li kien sehh incident tat-traffiku, f’Wied Balzan, u kkonfermat li dakinhar kienet gurnata bix-xita. Meta nizlet fuq il-post sabu Peugoet ta’

kulur ahdar u sabu naqra kommozzjoni zghira ghax x'hin waslet hi kien hemm l-ambulanza fuq il-post.

Tikkonferma li l-persuna maskili Antonio Mallia kien ittiehed l-isptar u baqghet tistenna l-kundizzjoni tas-Sur Mallia. Ftit wara giet infurmata li s-sur Mallia kien jinsab fil-periklu tal-mewt u ovvjament infethet inkjesta.

Is-sur Mallia ghamel xi zmien l-isptar kemm l-ITU kif ukoll l-NSU u kull darba li ppruvaw ikellmuh dejjem kien jghidilhom li mill-incident ma jiftakar xejn. Illum il-gurnata s-Sur Mallia jinsab gewwa Home f'San Pawl il-bahar li jisimha Casa Serena.

Tghid li mill-informazzjoni li ghandha l-anzjan illum jista' jimxi u ghalhekk seta' jixhed il-Qorti. Ix-xhud ikkonfermat dak kollu li qalet Charlene Mifsud il-Qorti dwar dak li sehh dakinhar ta' l-incident. Tghid li anke maghhom is-Sur Mallia huwa maghruf bhala persuna li jixrob. Fil-fatt il-pustier lilha kien jghidilha li dejjem fis-sakra.

Dakinhar minhabba li kien id-dlam u x-xita hi ma tiftakarx li rat xi *break marks*. Pero' kien tqabbad l-espert Dr. Mario Buttigieg fl-atti tal-inkjesta. Ghalhekk ma tistax tirrispondi jekk Jan Mifsud kienx ghaddej b'xi speed eccessiv ghaliex kienu nhatru esperti f'dan ir-rigward. Pero' ma sabitx li kien hemm karozzi ohra nvoluti f'dan l-incident li setghu b'xi mod kienu nvoluti fl-impatt li l-anzjan kellu mal-vettura misjuqa mill-imputat.

Ma tistax tghid jekk kienx l-imputat li laqghat lill-vitma jew jekk il-vittma waqghax fuq il-vettura misjuqa mill-imputat, pero' kient bi hsiebha ttella' xhieda li kienu prezenti dakinhar tal-incident biex jelaboraw fuq dak li raw.

Tghid li kemm damet hi spettur fuq l-ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara hija ma kellha l-ebda incident fejn kien involut il-vittma ghalkemm tghid li gieli semghet fuq xi ncidenti fejn kien involut l-imputat. Tghid li huwa minnu li l-vittma ghandu l-fama li dejjem ikun fis-sakra.

Spjegat li x-xhieda fl-inkjesta hadha l-espert Dr Mario Buttigieg ghalkemm kienet prezenti salv ghax-xhieda ta' dak li kellu l-hanut taz-zebgha.

L-imputat kien stqarr li hu kien qieghed isuq bil-mod u kien laqtu xi haga. Ma tistax tikkonferma jekk kienx hemm hsara fuq il-vettura, kull ma tista tghid hu li kien hemm daqqa fuq il-*wind-screen*.

Illi din il-kawza flimkien ma' numru iehor ta' kawzi gew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Asenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta' April 2014 u ghalhekk ftit ta' zmien wara din il-kawza giet appuntata quddiem din il-Qorti kif preseduta ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi.

**PS 321 Alan La Grasta** xehed fit-tnejn (2) ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li jiftakar li fit-13 ta' Frar tas-sena 2012 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghaxija hu kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara meta kien gie nfurmat illi gewwa Wied Hal-Balzan, Hal Balzan kienet sehhet kolluzjoni

billi kien ittajjar bniedem. Ghall-ewwel hu baghat zewg kuntistabbli fuq il-post u dan ghax kien fuq il-post b'xoghol iehor u sussegwentament mar hdejhom fuq il-post. Meta wasal fuq il-post induna illi faccata tat-triq Sir A. Micallef sab vettura thares lejn in-naha tal-Lombard Bank liema vettura hija tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru tar-registrazzjoni BBS-467 u hija registrata f'isem Jan Mifsud. Fuq il-post hu sab is-sewwieq taghha, li qieghed jaghraf prezenti fl-awla bhala l-imputat odjern u spjega li effettivament huwa kien tah il-verzjoni tieghu u spjegalu li kien ghaddej minn hemmhekk u fil-fatt *ex admissis* qal li huwa kien miexi bil-mod wara t-traffiku u f'xi hin semgha hoss u l-windscreen ta' quddiem tkisser. Jghid li nizel u ra ragel mal-art u r-ragel qallu li ma kellu xejn u qam minn fuq il-post. In effetti qal ukoll li l-vittma xtaq jitlaq pero' huwa zammu hemmhekk sakemm giet l-ambulanza. Insegwitu kien gie nfurmat min PC 1388 illi l-persuna li kienet ittajret kienet ittiehdet l-isptar permezz ta' ambulanza. Jghid li l-windscreen min naha tal-lemin kien ixxaqaq u hdejn il-bieba tax-xufier kien hemm baseball cap. Hu kien halla l-pulizija fuq il-post u mar l-isptar. Hemmhekk kien kellem lil Dr. Konrad Borg u hu qallu li l-persuna li ttajret kien certu Antonio Mallia u dak il-hin kien qieghed fir-*resus room*, qallu wkoll li kellu nefha fuq in-naha ta' wara ta' rasu. Hu ma setghax ikellmu peress li kien ghadu mitluf minn sensih u ghalhekk rega' mar fuq il-post biex jaghmel l-isketch u kompla l-investigazzjojnijiet.

Ghall-habta tad-disgha ta' fil-ghaxija gie infurmat li Antonio Mallia kien jinsab fil-periklu tal-mewt u ghalhekk informa lill-ispettur Carol Fabri u sa fejn jaf hu nfethet ukoll Inkjesta Magisterjali.

Jghid illi l-vettura kienet thares l'isfel fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Effetivament jghid ukoll li kienet ix-xita. Dakinhar ukoll kien id-dlam ghas-sitta u nofs u ghalhekk milli jista' jiftakar il-karozza kienet fil-kareggjata t-tajba tat-triq. Sinjali ta' *speed* jew *brake marks* ma setghax jara peress li kienet hafna xita. Huwa minnu li kien beda jingabar it-traffiku, fil-fatt jiftakar li sahansitra anka kien ixxarab minhabba l-ammont ta' l-ilma li beda gej waqt li kien qed jaghmel l-istess investigazzjoni.

Mistoqsi jekk hux minu li hemm numru ta' garaxxijiet u hwienet fuq in-naha tal-kariggjata minn fejn kien qed issuq l-imputat jghid li iva hekk hu, izda ma jiftakarx jekk hemmx bankina. Faccata jaf li hemm triq ohra u hemm speci ta' *traffic island* fin-nofs u hemm xi sigar.

Huwa pprezenta wkoll l-okkorenza li giet redatta minnu, liema okkorenza hija ffirmata minnu u mmarkata bhala **Dok PS.**

Jghid illi ma jidhirlux li l-vittma kien involut f'incidenti awtomobilistici ohra, izda jaf li huwa persuna alkoholika.

**Emmanuel Deguara** xehed fit-sitta (6) ta' Gunju, 2014, u giet moqrija x-xhieda li hu kien ta fl-atti tal-Inkjesta quddiem l-espert nominat mill-Qorti l-Espert Mario Buttigieg, liema xhieda tinsab inserita fl-atti a fol. 45 u 46 tal-atti tal-Inkjesta. Hu kkonferma l-kontenut taghha. F'din ix-xhieda jghid li nhar it-13 ta' Frar 2012 waqt li kien fil-hanut tieghu Deguara Ironmonger li jinsab gewwa Triq il-Wied Hal Balzan sema hoss ta' vettura tahbat u hareg jittawwal. Kif hareg ra l-*pedestrian* fuq il-

bankina. Sema lil dan l-anzjan jghid "Qajmuni ghax ma ghandi xejn". Hu qam bil-wieqfa u fil-frattemp ix-xufier beda jcempel ghall-ambulanza. Jghid li l-anzjan beda miexi u mar hdejh. Appena wasal hdejh l-anzjan intilef minn sensieh u waqa' ma l-art. Wara ftit gew il-paramedici u haduh l-isptar. Jghid li l-incident per se ma rahx isir.

Viva voce l-Qorti jghid li huwa minn Hal Balzan u jaf li l-anzjan huwa persuna li jhobb jixrob u jkun fis-sakra spiss u jaf li fil-fatt kien involut f'diversi ncidenti minhabba s-sokor tieghu. Jghid ukoll fil-fatt li kien ghadu kemm waqa' f'kanal fit-triq. Jghid ukoll li effettivament dakinhar tal-incident kien waqa' mal-art u habat rasu mal-art.

Meta gabru lill-vitma minn mal-art jghid ukoll li kien qieghed ikellimhom, ghaliex minn taht l-ilsien beda jghid li kien orajt u fil-fatt anki l-paramedici gharfuh u qalulu mela '*inti ergajt*'.

**Miguel Mifsud** hu l-imputat xehed fl-atti tal-inkjesta u dan wara li gie mfisser lilu l-import ta' gurament u li kien iddikjara li fehem l-import tieghu stante li kien minuri. Jghid li dakinhar tat-13 ta' Frar 2012 huwa kien rikeb ma' huh fil-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot mudell 306 u dan fuq in-naha ta' wara ta' huh li kien ix-xufier imputat odjern. Jghid li meta kienu ghaddejjin fi triq il-Wied Hal Balzan sema daqqa fuq il-windscreen. Jghid li huwa ma rax lill-anzjan jaqsam minkejja li kien qed ihares 'il quddiem. Jghid li l-hgieg ma kienx imtappan. Jghid li ma jafx minn liema naha tat-triq din il-persuna qasmet. Zgur li kienet ix-xita u l-wipes kienu ghaddejjin. Wara l-incident huwa baqa' gewwa l-karozza. Ikkonferma li l-anzjan qam minn mal-art u mar hdejn Charlene Mifsud li

kienet fuq il-bankina. Dak il-hin Charlene harget lix-xhud mill-vettura wkoll.

**Anthony Mallia** xehed fl-10 ta' Lulju 2012 fl-atti tal-inkjesta quddiem l-espert nominat fl-inkjesta Dr Mario Buttigieg. Dakinhar Mallia tenna li ma jiftakar xejn dwar l-incident salv li spicca l-isptar ghal xi raguni jew ohra li ma jafx. Huwa kien inzamm hemm ghal hamsa u tletin jum pero' ghal darb'ohra jghid li ma jafx ghalfejn. Mallia ma jiftakarx fejn kien fit-13 ta' Frar 2012 qabel ma sehh l-incident. Huwa stqarr illi ghandu l-vizzju tax-xorb u meta jsiru l-hamsa ta' filghaxija huwa jaqbad u jmur x' imkien go xi bar gewwa Hal Balzan jixrob. Meta xehed qal li kien qed jghix gewwa Casa Serena, San Pawl il-Bahar.

Huwa rega' xehed fil-hmistax (15) ta' Settembru 2014 u stqarr li nesa jekk kienx involut f'incident tat-traffiku. Izda fl-istess hin qal li jiftakar li kien sehh incident vicin ic-cimiterju ta' Hal Balzan. Ix-xhud iddikjara li huwa effettivament kien sejjer lejn ic-cimiterju. Kien miexi fuq il-bankina u kien diga' qasam it-triq kollha u kien wasal mal-bieb tac-cimiterju. Ghall-ewwel huwa haseb li kien gie milqut b'mutur izda mbaghad induna li kienet karozza.

Mistoqsi jekk il-karozza laqtitx il-bieb tac-cimiterju, wiegeb li l-karozza laqtitu, imbaghad baqa' miexi u waqa' f'roundabout bil-hamrija.

It-temp dakinhar kien tajjeb u ma jiftakarx li kien hemm ix-xita u li kien hemm wied tal-ilma. Mhux minnu li l-incident sehh mod iehor, insista li

sehh propju fejn ic-cimiterju. Ikkonferma li prova jghaddi mir-roundabout u waqa’ fil-hamrija ghax saqajh ma tawhx. Wara li gie milqut hu qam u mexa, izda hu wegga’ bid-daqqa tal-karozza. Hu haseb li ma gralu xejn u ghalhekk mexa lejn ir-roundabout u ntebah li gralu xi haga meta effetivament sabuh fil-hamrija u kienu tal-ambulanza li sabuh hemm. Hu haseb li kien kapaci jimxi u ghalhekk qam u mexa lejn ir-roundabout li hemm hdejn l-Iklin.

Iddikjara li dakinhar hu ma kienx xorob u jekk kien hemm xi hadd li qal li kellu riha ta’ xorb dan mhux veru lanqas. Huwa cahad ukoll li kien hemm xi hadd li qallu li hu waqa’ fuq il-karozza tal-imputat banda ohra.

L-incident sehh hdejn ic-cimiterju ta’ Hal Balzan, u ma jafx jekk il-Paramedics kienux gharfuh jew le. Mistoqsi jekk waqghax u habat rasu hdejn il-bankina ta’ Hal Balzan jghid li ma jafx u li nesa u lanqas jaf x’karozza laqtitu u min laqtu.

**Mario Buttigieg** xehed fis-sitta (6) ta' Gunju 2014 fejn ikkonferma li kien gie nnominat mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Claire Stafrace Zammit u dana b’digriet taghha tat-13 ta’ Frar, tas-sena 2012 u dan fl-atti tal-Inkjesta li kienet qed tigi mizmuma minnha dwar allegat incident stradali fejn wegga gravi Antonio Mallia fi Triq Wied Hal Balzan, Balzan.

Huwa gharaf ir-relazzjoni tieghu esbita f’dawn l-atti mmarkata bhala dokument MB. Hu m’ghandu xejn xi jbiddel jew xi jzid fil-konkluzjonijiet tieghu hemm raggunti.

In kontro-ezami x-xhud qal li ma jidhirlux li l-imputat kien *over speeding.* Huwa minnu wkoll illi dak il-hin kien hemm it-traffik u kienet kwistjoni *start* and *stop* u wkoll illi kienet nizla hafna xita dakinhar tal-incident u hemmhekk huwa wied u jingabar l-ilma. Huwa spjega li kien hemm id-demm mal-art u kien hemm distanza bejn fejn kien hemm id-demm u l-*pedestrian crossing*.

Hu ma kienx fuq il-post fil-hin tal-incident u ghalhekk ma jistax jghid jekk l-anzjan kienx fi stat ta' sokor jew le, ghalkemm il-persuna hija bniedma maghrufa li tkun ta' spiss fis-sakra. Izda hu ma dahalx fil-kwistjoni jekk din il-persuna tkunx involuta f'indicenti simili minhabba s-sokor taghha. Mistoqsi jekk hemmx bankina hdejn il-*pedestrian crossing* jghid li ma kienx hemm u dan ghax fil-fatt hemm fetha fit-triq.

Fir-relazzjoni tieghu huwa kkonkluda s-segwenti:-

- *"Illi fl-opinjoni umli tal-esponent u kif gie muri mid-dinamika tal-incident juri b'mod car illi dan il-kaz juri illi hemm elementi li Anthony Mallia kellu tort konributorja f'dan l-incident izda anki Jan Mifsud kellu tort f'dan l-incident hekk kif indikat hawn isfel-*

- *Illi hareg manifestament car li Anthony Mallia qabad u qasam fit-triq maggura minghajr ebda harsien*

- *Illi Mallia ma kienx qed jaqsam bil-galbu peress illi kien hemm possibilita kbira illi kien taht l-influwenza tax-xorb alkoholiku tant li baqa' ma ftakarx x'gara dakinhar*

- *Illi f'distanza ta' inqas minn mija u hamsin (150m) minn fejn qasam Anthony Mallia f'din it-triq hemm il-pedestrian crossing li Mallia seta' uza sabiex jaqsam iktar bil-galbu.*

- *Illi minn ricerka li ghamel l-esponent ma diversi awturi jirrizulta li Mifsud kien qed isuq il-vettura bil-velocita rikjesta bil-ligi.*

- *Illi minn ricerki u studju li ghamel l-esponent irrizulta li Mallia qasam min naha tax-xellug ghan-naha tal-lemin. Illi gie kkonstatat illi l-vittma giet imtajra meta kienet diga qasmet tlett kwarti ta' triq."*

Illi dan l-espert ikkonkluda li l-imputat ma hax il-*proper look out* waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu u dan billi naqas li josserva li kien hemm nies li kienu qed jaqsmu minn quddiemu. Ghalhekk fil-fehma tieghu s-sewwieq kien traskurat u kien ghalhekk li kkonkluda fir-relazzjoni tieghu li kellhom jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputat odjern talli b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Mallia u dan bi ksur ta' l-artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u talli saq b'manjiera traskurata u negligenti ai termini tal-artikoli (15), (20) u (3) tal-Kap 6 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Mario Scerri** xehed fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju, 2014 u stqarr illi hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta sabiex jezamina lil Anthony Mallia li kien involut f'*motor vehicle accident* li kien sehh gewwa Hal Balzan nhar it-tlettax ta' Frar, 2012. Huwa kkonferma r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhal Dok MS. Jghid li Antonio Mallia kellu frattura fir-*right temporo parieto occipital region* b'evidenza ta' *subdural haematoma* u *contracoup* fuq in-naha tax-xellug . Huwa ddeskriva dawn il-feriti bhal ta' natura gravi u jghid li kieku ma saritx il-*craniotomy* certament kien imut. Dawn gew kagunati bi *blunt trauma.*

**PS 239 Joseph Caruana** xehed fl-atti tal-inkjesta u esebixxa r-ritratti li huma in esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu fl-inkejsta. Ir-relazzjoni tieghu giet immarkata bhala Dok JC.

**Jan Mifsud** l-imputat xehed f'dawn il-proceduri nhar l-10 ta' Novembru 2014 ghalkemm ta x-xhieda tieghu wkoll waqt il-gbir tal-provi tal-inkjesta. Jghid li dakinhar tat-13 ta' Frar 2012 huwa kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot mudell 306 bin-numru ta' registrazzjoni BBS 467. Mieghu kellu lil Charlene Mifsud u lil huh iz-zghir Miguel Mifsud. Spjega li ghall-habta tas-6.15p.m. huma telqu mill-Mosta u kienu sejrin lejn Fleur de Lys u ddecieda li jghaddi mill-Wied ta' Hal Balzan. Huwa kkonferma li t-triq kienet imxarrba sew u kien niezel ix-xita. Huwa kien ghaddej wara t-traffik b'velocita baxxa u kien qed isuq fuq gear baxx u cioe' dak ta' first ghal second gear u jerga' jaqta' free u jkompli b'dik il-frekwenza peress li kien hemm volum ta' traffiku quddiemu. F'daqqa u l-hin sema hoss qawwi fuq il-windscreen u l-windscreen inkiser. Huwa stqarr illi ma jafx minn fejn gie jew kien

ghaddej il-*pedestrian* li laqtu. It-tieqa ma kienitx imtappna peress li kienet imnizzla miz-zewg nahat. Il-vettura tieghu hija registrata ma' Gasan & Mamo Insurance u hija regisrata fuq Kenneth Borg. Wara li sehh l-incident hareg minn gol-vettura u sab l-anzjan fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin mal-art. Hu qam u qallu li ma kellu xejn u ried jitlaq 'l hemm. Huwa ma rax demm hiereg minn imkien izda cempel ghall-ambulanza u qalulu sabiex ma jhallihx jitlaq. Jghid li l-anzjan baqa' hdejhom izda fil-pront tah hass hazin u nizel mal-art fejn anke habat rasu mal-art. Wara ftit gew il-paramedici fuq il-post u haduh l-isptar. Jghid li lill-anzjan sabu mal-art fejn il-parti ta' gismu kienet bi dritt il-quddiem tal-vettura tieghu.

Illi nhar l-10 ta' Novembru 2014 il-partijiet trattaw il-kawza u talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizuta s-segwenti ghas-sodisfazzjon tal-Qorti:-

1. Illi l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza sehh fi Triq il-Wied ta' Hal Balzan nhar it-13 ta' Frar 2014 u fih sefa ferut Anthony Mallia.
2. Jirrizulta li l-vettura nvoluta f'dan l-incident hija regisrata f'isem Kenneth izda kienet qed tigi misjuqa minn l-imputat.
3. Illi fil-jum tal-incident kien temp ikrah, kien ix-xita u t-triq kienet mimlija ilma.
4. Illi fil-hin tal-incident u cioe' ghall-habta tas-6.30 p.m. kien hemm hafna traffiku u ma hemmx evidenza li l-imputat kien qed isuq b'xi

velocita mhux aspettata. Fil-fatt l-imputat jghid li kien qed isuq fuq *first and second gear* il-hin kollu.

5. Illi marki ta’ *brake marks* jew *skid marks* fuq il-post ma kienx hemm jew almenu hadd ma jghid li rahom.
6. Jidher li l-ewwel daqqa fuq il-vettura kienet fuq il-bumper ta’ quddiem fuq in-naha tal-lemin.
7. Illi fuq il-windscrren li kienet miksura kien hemm diversi bicciet tax-xaghar imqabbad maghha u dan fuq il-parti t’isfel taghha.
8. Illi skond l-ezami tekniku li zamm l-espert PL Mario Buttigieg jidher li l-vettura kellha sistema ta’ breaking li tahdem u bla ebda difett.
9. Jidher li dakinhar tal-incident il-vittma x’aktarx kien taht l-influwenza tax-xorb kif del resto rrizutla li kien ikun ta’ spiss. Tant li l-vittma stess jghid li kuljum ghall-habta tal-5.00pm kien imur jixrob ghaliex kellu l-vizzju.
10. Illi l-vittma ma kienx kapaci jghid kif sehh l-incident meta xehed fl-atti tal-inkjesta u meta xehed il-Qorti sentejn wara ma tantx kien lucidu u fil-fatt beda jhawwad.
11. Ili skond ix-xhieda moghtija mill-imputat kif konfermata minn Charlene Mifsud li kienet riekba mieghu l-vittma tfaccja ghall-gharrieda u appena gie milqut l-imputat nizel sabiex jaghtih l-ghajnuna.
12. Jidher ukoll li ftit ‘il fuq minn fejn allegatament kien ser jaqsam il-vittma hemm zebra crossing.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost jidher li l-kompitu ta’ din il-Qorti hu sabiex jigi stabilit jekk effettivament l-imputat zammx jew ahjar kellux *a proper look out* waqt li kien qed isuq. Dan qed jinghad peress li mill-provi prodoti jista’ jaghti l-kaz li l-vittma ikkrea *emergenza subitaneja* lil kondueent u kien ghalhekk li gie milqut minnu.

Il-Qorti sejra issa tezamina l-ewwel imputazzjoni fir-rigward tal-imputat Jan Mifsud.

L-**Artikolu 225 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, fiz-zmien li fih sehh il-kaz odjern, kien jghid hekk:

*"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew multa mhux izjed minn elfejn lira*".

Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju*".

Illi din il-Qorti tirrileva li anke f'kaz ta' feriti ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-istess grad ta' nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew

traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju.

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[1]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".[2]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"*… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni* jew *prudenza fi grad ta' persuna normali*".

---

[1] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.
[2] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67.

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "*un atto inconsiderato e rischioso*" maghmul b'"*leggerezza*" jew "*sconsideratezza*"[3] u kif jghid **Antolisei**, "*L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre* una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[4]

U kif insibu fin-Novissimo Digesto Italiano, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[5] Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, fuq citata inghad illi:-

"*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*".

[3] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).
[4] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[5] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

In-*"negligenza"* tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-*imperizja*" hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: *"inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*".[6]

Skond l-imsemmija sentenza, *"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cioe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni*."

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non osservanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-"diligenza" rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi:-

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man:*

[6] Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg, fuq citata.

*"negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down*."[7]

Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghitja mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**, fejn gie ritenut illi "*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*".

Issa fil-kaz in ezami jidher li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bi speed normali ghaddej minn triq traffikuza, bix-xita niezla u fuq is-side tieghu gej mid-dar sejjer ghand il-kunjati tieghu f'xi hin ghall-habta tas-6.30 p.m. Ma jidhirx li l-imputat f'xi hin kien traskurat jew negligenti jew li ma osservax xi regolamenti tat-traffiku. Jidher li fid-daqqa u l-hin sema hoss ra l-windsceen tinkiser u hareg mill-vettura ha jara x'gara u ta l-

[7] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

ghajnuna immedjata lill-persuna li kien gie milqut minnu. Mistoqsi minn fejn giet din il-persuna ma kienx kapaci jwiegeb u lanqas ma kienet kapaci twiegeb il-passiggiera Charlene Mifsud li tghid li l-vittma tfacca minn imkien. Interessanti pero' li lanqas il-vittma stess ma hu kapaci jghid la minn fejn kien gej u lanqas fejn kien sejjer. Ftit wara l-incident jghid li ma ftakar xejn dwar l-incident meta xehed fl-atti tal-inkjesta u meta xehed il-Qorti sentejn wara pprova jaghti xi dettalji ta' dak li gara izda li zgur m'humiex korretti. Jidher li l-vittma kien taht l-influwenza tax-xorb meta gie milqut.

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-**Artikoli 225 u 226**. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova n-*nexus* bejn il-feriti gravi tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema *nexus* irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta' Frar

2011 fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs Andre Apap</u>** fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Alfred Mifsud</u>** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) fejn inghad li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel."*

Naturalment ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **<u>The Police vs Charlotte Chamberlain</u>,** Appell Kriminali, 21/5/96)".

Issa fil-kaz in desamina ma jidhrix kuntrarjament ghal dak li kkonkluda l-espert nominat fl-inkjesta li l-imputat kien negligenti jew perikoluz fis-sewqan tieghu u lanqas li saq b'manjera bla kont. Ma hemm xejn x' jindika li l-imputat ma osservax xi regolament tat-traffiku. Anzi semmai kien il-vittma li mar u ttenta jaqsam triq li kienet traffikuza fid-dlam fix-xita meta ftit il boghod minn fejn qasam kien hemm it-taffic lights.

Fil-fehma tal-Qorti, il-vittma Anthony Mallia kkreja bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea mprevedibbli li rrendiet impossibbli jew mhux ragjonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evasiva. Is-sewwieq tal-vettura, l-imputat odjern kellu wkoll id-dover li jzomm *proper lookout* u kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra (10) ta' Awissu 1963, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Vella**, huwa dover ta' *driver* li jzomm *a proper lookout* u '*to see what is in plain view*." Pero' f'dawn ic-cirkostanzi ma jidhirx li l-imputat naqas li jara "*what was expected of him*".

Il-kuncett ta' *proper lookout* gie elaborat ahjar fis-sentenza tal-**Qorti Ingliza** fil-kaz **Newhaus N.D. Bastion Insurance Co. Ltd**., (1968) fejn gie ritenut li:

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead, it includes an awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road passing through a built-up area, of the pavements or the side of the road as well."* Naturalment ma jinkludix li tiehu hsieb li fit-triq ma jkunx hemm irgiel xurbana li jaqbdu jaqsmu ghall-gharrieda.

Illi ma hemmx dubju kif jirrizulta mis-suespost li dan l-incident kien kawzat minhabba l-imperizja u nuqqas ta' attenzjoni tal-vittma stess u li ma hax il-prekawzjoni mehtiega qabel gie biex jaqsam it-triq magguri. Ma jidhirx li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li effettivament hemm xi haga x'ticcensura fis-sewqan tieghu.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carlo Seychell** nhar il-hmistax ta' Novembru 2000, kif konfermata fl-Appell nhar is-sitta ta' Gunju 2001*,* fejn din il-Qorti ccitat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Thornton** deciza nhar it-tmintax ta' Marzu 1961 dwar ir-responsabilita' ta' xufier:

*"Driver ta' vettura tal-mutur ghandu d-dover li jistenna li fi triqtu jistghu jinzertaw nies li minhabba l-eta taghhom, jew ghal xi raguni ohra, ma jkollhom la dik ic-celerita ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni u lanqas dik l-isveltezza ta' movimenti li jehtiegu c-cirkostanzi improvizi.*

*Il-pedestrian ghandu l-fakulta li f'xi hin jaqsam t-triq meta jkun hemm bzonn, u meta jkun il-waqt, u kwindi d-driver ghandu joqghod attent u jipprevedi li jista jigi konfrontat bil-fatt ta' pedestrian li jaqsam it-triq fil-karreggjata li jkun fiha dak d-driver. Jekk pedestrian ma jaghmel ebda att li bih jqieghed l-awtista fi stat ta' sinistru inevitabbli, bhal meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lil konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat u johloq emergenza subitanea, d-driver ma jistax jallega b'difiza tieghu jekk jigi f'kollizzjoni ma dak il-pedestrian l-fatt li dan kien fil-karreggjata.*"

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-vittma ma kellux ghalfejn ikun fit-triq jew ahjar f'dik il-parti tat-triq minn fejn ghazel li jaqsam meta ftit metri 'l fuq kien hemm zebra crossing, molto piu meta tqis li t-triq hija wahda magguri, li kien hemm hafna traffiku u li kien hemm il-maltemp. M'hemmx dubju li l-anzjan Anthony Mallia kellu nuqqas ta' kjarezza meta ha d-decizjoni biex jaqsam minhabba kwistjoni ta' tehid ta' xorb alkoholiku.

Ghalhekk jirrizulta li l-incident ma sehhx tort tal-imputat izda tort uniku tal-vittma.

Dwar l-akkuza li l-imputat saq il-vettura meta ma kienx kopert b'licenzja tas-sewqan, il-Qorti tirrileva li din l-akkuza kuntrarjament ghal dak li jigri fil-kaz ta akkuza ta' sewqan bla polza ta' sigurta hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova akkuza u f'din il-kawza ma ressqet lil hadd mill-ufficcju ta' Transport Malta sabiex jikkonferma li l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan.

**Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15 (a) (1) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JAN MIFSUD hati tal-akkuzi u tilliberah minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------